Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 4 – L-ERBGĦA 6 TA' ĠUNJU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Ktieb b'poeżiji dwar Għawdex u niesu miktub minn Joe M Attard – Il-Kunsill approva li jinxtraw tnejn għal-librerija.
   - Ktieb dwar Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gzejjer Maltin miktub minn Clifford Vella – Il-Kunsill approva li jinxtraw 4 għal-librerija.
   - Ittra rigward l-iskema *Sports 4 all* għal-bniet li ser isiru fis-sajf – approvata
   - Sejħa taħt il-proġett ERDF – *mitigation and adaptation to climate change* – il-Kunsill qabel li din is-sejħa mhux utli għal-bħalissa.
   - Konferenza nazzjonali mtella mill-MEUSAC li titratta lill-Għawdex bħala Gżira-Reġjun fl-Unjoni Ewropea – nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju fil-Grand Hotel. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu laqgħa oħra fuq il-proġett tal-Interreg IVC dakinhar u għalhekk ma jistgħux ikunu preżenti. Franco Ciangura stqarr li huwa ser ikun parti mill-organizaturi ta' din il-konferenza u għalhekk ser jattendi flimkien ma Stephen Mercieca.
   - MEPA – ittra t'awguri lill-Kunsill ġdid mic-Chairman Austin Walker fejn stieden lill-Kunsill għal-laqgħa miegħu biex issir diskussjoni fuq l-isfidi u l-problemi li jeżistu fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa miegħu mill-aktar fis possibli.
   - Open Day MEUSAC nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju – Il-Kunsill ibbukja siegħa fejn ser jiġu diskussi x'programmi tal-EU jgħoddu għal-lokalita` partikulari. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal din il-laqgħa li ser issir fl-uffiċċju tal-MUESEC ir-Rabat. Saret diskussjoni bejn il-preżenti, fejn ġie deċiż li nistaqsu x'programmi hemm fuq dawn is-suġġetti:
     - *Youth in action*, fondi biex isir il-proġett t'intervisti mal-anzjani tar-raħal fejn l-informazzjoni tigi wara dokumentata, xi tip t'għajnuna għal-għaqdiet tar-raħal,

korsijiet tal-kompjuter, konferenza ta' tagħlim fuq skart u kif tista tkun lokalita` sostenibbli inkluż enerġija alternattiva.

- Permess għal-*Tower Crane* fit-Triq Simirat – dan il-proġett ser jiehu 40 gimgħa, fejn il-perit qed jipproponi li jiġu nstallati xi *double yellow lines*, tabelli ta' *no* parking quddiem it-*Tower Crane* u li Triq Guseppi Cali Street tiġi *one-way*. Is-Sindku ma qabilx ma din il-proposta għal diversi raġuni fosthom li minn hemm tgħaddi l-Arriva. Hu ssuġġerixxa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jiltagħqu fuq il-post flimkien mal-perit ta' l-applikant biex tinstab xi soluzzjoni aħjar. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Rampa tal-belvedre fit-Triq Hamri – ġiet approvata mill-KNPD fejn l-każ issa ġie magħluq.
- 25 ta' Mejju saret laqgħa bejn is-Sindku u s-Sur Joe Attard mill-Green MT – Dan ta cheque ta' €1,000 li kien mwiegħed lill-Kunsill mis-sena 2010. Is-Sur Attard aċċetta li jingħataw 2 pakketti boroz lir-residenti, fejn fil-fatt dawn il-boroż qegħdin fl-uffiċċju tal-Kunsill. Ser issir sistema li jinġabar l-ħġieġ mid-djar u ser jingħata inċentiv lir-residenti fejn se jittellgħu vouchers ta' €50 bix-xorti. Il-Green MT aċċettat li tofri s-servizz lill-*School of Arts and Crafts* u fil-Forti Chambray.
- Kumitat Konġunt – Is-Sindku qal li ġew diskussi l-offerti tal-kuntratt ta' *contract manager* tal-LES, fejn l-unika offerent kien David Soler. L-offerta tiegħu kienet għola mill-budget u għalhekk saret talba mad-DLG biex issir diskussjoni mal-offerent fejn jintlaħaq kompromess fuq il-prezz. Fil-laqgħa l-membri ta' dan il-Kumitat qabel ma l-aħħar offerta.
- Is-Sindku spjega kif is-Sur David Soler qabel li jofri 2 *wardens* lill-Kunsill biex jinqabdu min qed jitfa' l-ammont kbir ta' skart fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Franco Ciangura ssuġġerixxa li jsir skip ieħor għal-ġbir ta' ħwejjeg nodfa. Il-preżenti qablu ma dan.
- Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-perit Salvu Micallef u Salvu Bonello biex jiffinalizzaw il-kontijiet pendenti fuq iċ-Ċentru Ċiviku ta' Jesmond Xuereb u ta' Gatt Tarmac Ltd. Il-kontijiet ta' Jesmond gew approvati, filwaqt li ta' Gatt Tarmac, il-perit talab għal xi klarifi oħra.
- Is-Sindku qal li kellu lagħqa mal-Ass. Kummissarju s-sur Żammit flimkien mal-Ispettur Frank Tabone fl-Għassa r-Rabat fejn l-Ass. Kummissarju xtaq li jibda jagħmel lagħqat individwali ma kull-Kunsill b'mod partikolari li jkun hemm żagħżagħ u jiġu diskussa s-sewqan tal-liċenzja, id-droga u x-xorb. Xtaq ukoll li jkun hemm lagħqat mal-anzjani, lagħqat dwar l-użura kif ukoll lagħqat kulturali bejn il-Kunsill u l-Pulizija.
- Is-Sindku qal li rċivejna ittra minn għand il-perit Lucian Stafrace tat-Transport Malta fejn talab għal-*Method Statement* tat-traffiku fit-Triq l-Mġarr tul Betlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku qal li dan l-istatement intbagħat mil-perit Edward Xerri.

## 4. Pjazza Madonna ta' Loreto

Wara l-aħħar laqgħa, s-Segretarju Eżekuttiv kitbet għal-approvazzjoni mid-DLG fejn uriet l-interess tal-Kunsill biex isir *embellishment* fuq il-pjazza bi ftehim mal-Knisja, li l-art tappartjeni lilha u mal-Ministeru għal-Għawdex. Id-Dipartiment irrisponda li dan il-proġett ma jistax isir għal-fini tal-liġi. Wara dan is-Sindku kellem lil-Ministru għal-Għawdex biex hija tkellem lill-Ministru responsabli mill-Kunsilli, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici għal-soluzzjoni. Il-Ministru Mifsud Bonniċi qal li dan il-proġett setgħa taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*. Il-Ministru Mifsud Bonnici kellu jikteb lid-DLG biex jagħti l-approvazzjoni għal-dan il-proġett, iżda dan ma laħaqx għamlu għax kien irreżenja. Is-Sindku informa b'dan lill-Dun Eddie mill-Kurja, fejn spejgalu għaliex għadu ma' ngħatax risposta għall-istqarrija tal-Pjazza. Is-Sindku mar ikellem lis-Sinjura Cynthia Misokova fil-Ministeru ta' Karmenu Mifsud Bonnici, fejn hi qaltlu li l-Ministru kien diġa nformaha b'dan il-każ. Is-sinjura Misokova qalet lis-Sindku biex l-ewwel isir il-kuntratt propja bejn it-tlitt partijiet bil-ftehim mal-Kunsill u

dan wara jintbagħat lid-DLG għal-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-perit Godwin Sultana fejn jista jinbidel id-disinn qabel ma ssir laqgħa mal-isqof biex jiġu ffinalizzati l-kuntratti u qbil għad-disinn.

## 5. Esibizzjoni b'kollaborazzjoni mal-Iskola tal-Arti u *Crafts* f'Tolfa

Il-Kunsill approva li jmorru minn wieħed sa tnejn rappreżentanti mill-Kunsill Lokali biex jassistu din il-wirja u esibizzjoni. Il-Kunsill ivvota is-somma t'elf euro bħala kollaborazzjoni lill-Iskola tal-Arti għal-grupp t'għaxar persuni li ser jmur Tolfa. Ġie deċiż li wieħed mil-membri tal-Kunsill ikun il-viċi Sindku Franco Ciangura

## 6. Proġett ta' Passi

Il-pjanti l-ġodda ġew sottometti skond ir-rikjesti tal-MEPA. Is-Sindku kellu laqgħa maċ-Chairman tal-Progett Leader, fejn dan talab biex mill-*bills of quantities* sottomessa mal-applikazzjoni tonqos is-somma fejn it-total tal-proġett jkun madwar €140,000. Is-Sindku wara li kellem il-perit biex jirranġa dawn il-BOQ bagħat ittra liċ-Chairman bil-*BOQ* ġdida.

## 7. Għajn tal-Ħasselin

Is-Sindku ppreżenta l-pjanti l-ġodda tal-perit tal-Għajn tal-Hasselin, peress li l-fdalijiet tal-Għajn l-antika iridu jiġu nkorporati ġol-bini tal-Għajn il-Ġdida. Il-fdalijiet tal-Għajn l-antika mhux ser jintmessu u ser ikunu esposti fl-Għajn il-Ġdida. Dawn il-pjanti ser jiġu sottometti lil SCH għal-approvazzjoni biex ikompli miexi l-proġett u ssir minor amendment lill-MEPA.

## 8. Progett Interreg IVC

Is-segretarju eżekuttiv spjegat li min komunikazzjoni li saret bejn il-*lead partner* u bejnha, jirrizulta li ghal-dan il-proġett jeħtieġ espert biex jħejji r-rapporti necessarji u jattendi għal-laqgħat li jkun hemm bżonn, kif ukoll awditur biex jirrapporta l-spejjez li jkunu saru mill-kunsill li huma relatati ma' dan il-proġett. Dawn l-esperti huma meħtieġa sa l-aħħar ta' Ġunju u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li tinħareġ sejħa għal offerti urġenti, dik ta' tmient ijiem. Is-Segretaju eżekuttiv spjegat li hija, flimkien mas-sindku se jattendu ghal-laqgha fin-Netherlands mal-*lead partner* fit-12 ta' Ġunju biex jispjegaw il-progett kif ser jimxi tul dawn it-tlett snin, kif ukoll x'inhuma l-affarijiet rikwesti mill-Kunsill.

## 9. Tenders/Quotations

- *Outdoor lanters* – infetħu l-offerti – għanda ssir evalwazjoni tat-tenders mixħuta.
- *Cleaning of Civic Centre* – infetħu l-offerti u ġie deċiż li l-offerta tingħata lis-sinjura Loreta Azzopardi bir-Rata ta €4.75 is-siegħa peress li hi l-irħas
- Tender ta' provista ta' Eco Truck – Offerta waħda ta' Michael Debono Ltd. Id-Dokument ser jgħaddi għand l-engineer Renzo Curmi biex jiġi evalwat.

## 10. Materji Oħra

Stephen Mercieca

- Nibgħatu *reminder* lis-Sur Ruben Said rigward l-Arriva f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li trid tinstab soluzjoni sa' l-aħħar ta' Ġunju.
- Bozza titfi u tixgħel fit-Triq Martin Garces (*mal-pumping station*).
- Harġa għat-Trade fair lir-residenti – approvata fejn jitħallas it-transport mill-Kunsill.

Peter Caruana

- Mappa tal-Lokalita` – is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob għal-laqgħa ma' Paul Stellini biex jiġu mniżla t-tibdil li jrid jsir.
- Haxix mad-dawra tal-istatwa fit-Triq l-Mgarr – nibgħatu lis-Sur Joe Bonello mill-Agrikultura biex ninformawh b'dan.
- Belvedere fit-Triq Sant Antnin (quddiem il-Grand Hotel) – ħmieg u l-bankijiet għandhom bzonn z-zebgħa. – niġbdu l-attenzjoni tal-Ministeru għal-Għawdex.
- Belvedere Triq Hamri – il-Kunsill qabel li toħroġ *Expression of interest* għal-desinn ta' dan il-Belvedere biex isir *embellishment* kif jixraq. Dan l-embelishment huwa importanti li jkollu element ta' ilma, żona għat-tfal, fanali b'LED jew ħaġa aħjar, jaqbel mal-liġijiet tal-*health and safety*, ir-rampa għal-accessibilta tibqa fejn hi jew aħjar. L-offerent għandu jsemmi dan il-ġnien bis-suġġett magħżul. Il-persuna trid tkun kapaċi tiċċertifica x-xogħolijiet u titfa l-applikazzjoni għal-fondi tal-UIF.

Larry Buttigieg

- Staqsa fuq il-kwotazzjonijiet tal-bankijiet u pots fit-Triq Chambray – is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għadha ma talbetx għal-kwotazzjonijiet.
- Livelli fit-Triq Cordina – is-Sindku irrisponda li c-CMU ser iqabbad nies tekniċi biex jittieħdu l-livelli tat-Triq miċ-Cimiterju sal-Heliport.
- Żvilupp fuq il-Website – is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'jixtiequ li jkun hemm f'din il-website biex hi tkun tista toħroġ sejħa għal-offerti. Ġie deċiż li jkun hemm dawn il-punti: *updates* fix-xahar, lista t'attivitajiet miġburin f'kalendarju, l-istorja tal-Kunsill, minuti, suġġerimenti/ilmenti, servizzi offruti mill-Kunsill, tirrapporta ħsarat, avviżi, ikun hemm domain ġdid fejn wara jiġi mqabbad m'Għajnsielem.com.
- Irringrazzzja lil min attenda għal-preżentazzjoni tal-isnooker– kienet attivita ta' suċċess.
- Għalqa bejn il-każin tal-Football u l-uffiċċju tal-Kunsill - nistaqsu lill-Gvern jekk tistax tinxtara min għand is-sid u tingħata lill-Kunsill. Is-Sindku qal li din kienet ferm diffiċli għax il-Gvern jesproprija biss fejn verament ikun hemm il-bżonn. Il-Kunsill għalhekk iddecieda li din impossibli li ssir.

Franco Ciangura

- Mera fit-Triq Mogħdija – huwa tal-idea li din ma ssirx għalissa peress li hemm konstruzzjoni ta' bini għaddej. Il-preżenti qablu ma dan.
- Attenda seminar fejn kienu prezenti ukoll il-Ministru Karm Mifsud Bonnici u Kummissarju tal-Pulizija. Punti mqajma jinkludi l-importanza li l-Kunsilli Lokali jahdmu id f'id mal-Pulizija għal-ġid tal-Lokalita` u r-residenti tagħha.
- Laqgħa tas-Sindki – diskussjoni waqgħet fuq il-problemi tal-Kunsilli, fejn issemma l-kuntratt tal-WSC, devoluzzjoni tal-Lampi, xogħolijiet mill-kumpaniji tal-Melita Cable u Go. L-AKL qed tagħmel enfasi li jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma jsir l-intervent. Issemma il-punt ta' *filming* min kumpaniji barranin fl-irħula u l-iskomdita ta' residenti, fejn għandu jkun hemm xi tariffa li trid titħallas lill-Kunsill Lokali respettivament.
- Laqgħa mal-Għaqdiet tar-raħal – ġiet deċiża li ssir fis-9 ta' Lulju, 2012 – tintbgħat ittra lill-għaqdiet fejn nuruhom li din ser tkun qisha *get to gether* fejn ser jiġu diskussi ideat

komuni bejn kulħadd. Waqt din il-laqgħa ser jsiru l-appuntamenti għal-laqgħa individwali ma kull għaqda. L-istedin għal dan il-*get together* għandu jsir lill 2/3 persuni mill: Għaqda Mużikali San Ġuzepp, Għajnsielem Football Club, Għaqda Armar, Patrijiet San Franġisk, Sorijiet tal-Lourdes, Sorijiet Agostinjani, Patrijiet tat-Triq Sant Antnin, Kunsill Parrokjali, Nursery, Radju Lawretana, Museum Bniet, Museum Subien, Skola tal-Arti u Krafts, Skola Primarja.

- Harġa Kulturali b'risq il-Father's Day – saret diskussjoni fuq x'jista jkun il-programm u ġie deċiż li d-data tkun 13 ta' Lulju, 2012.
- Proġett tal-intervisti għal-anzjani tar-raħal – fil-laqgħa li jmiss il-preżenti ser iġibu lista b'ismijiet ta' residenti prospettivi.
- Sorijiet tal-Lourdes – hemm bżonn xi floodlight biex turi aktar il-Knisja bħala mezz ta' sigurta – il-Kunsill approva din
- Bozza maħruqa u ħmieġ fit-taraġ quddiem il-Knisja ta' Lourdes – is-Sindku ser imur jiċċekkja liema hi l-bozza u jintbagħtu il-ħaddiema tal-ETC biex inaddfu t-taraġ.
- Bozza titfi u tixgħel fit-Triq l-Xprunara – nirraportawha lil kuntrattur.
- *Rubbish bin* fil-Pjazza Indipendenza – jinqala min fejn hu u jiġi nstallat wara r-railing.

Francis Cauchi

- Is-Segretarju u l-Assistant Segretarju tal-Kumitat tal-Football Club talbu għal għajnuna fil-floodlights fil-bini tal-ground bit-turf - ġiet diskussa din l-idea fejn fil-prinċipju l-Kunsill qabel li sa fejn tippermetti l-liġi tingħata l-għajnuna li hemm bżonn.

## 11. Tmiem il-Laqgħa

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Hamis, 5 ta' Lulju fis-4.00 pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.20pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv